MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 333/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Mario Emanuel Camilleri bin Joseph u Maria nee' Camilleri imwieled fit-30 ta' Awwissu 1972 u residenti Cynthia, Triq Marziena, Munxar, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' numru 29190(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Emanuel Camilleri li gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Marzu 2009 u l-jiem ta' qabel dina d-data minghajr il-permess tal-Familja Bajada installa fil-hajt divizorju, cumnija u dana bi ksur tal-artikolu 128(a) u artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mismugha quddiem il-Qorti u senjatament mir-rapport esebit mill-espert nominat minnha Vincent Ciliberti jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi ic-cumnija in kwistjoni nbniet mill-imputat mal-hajt li jifred il-fond proprjeta tieghu mill-fond proprjeta tal-familja Bajada. Illi huwa minnu illi dina c-cumnija tinsab mal-hajt proprjeta tal-imputat madanakollu dana l-hajt jifred iz-zewg fondi u dana kif jidher mir-ritratti esebiti mill-istess espert fir-relazzjoni tieghu.

Illi l-ligi fl-artikolu 128(a) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddisponi testwalment:
“Hadd ma jista’ jibni cumnija, forn jew forga ma’ hajt **ukoll jekk dak il-hajt ikun kollu ta’ proprjeta tieghu** bejn fondi ta’ sidien diversi.” (sottolinjar tal-qorti).

Illi l-ligi hija cara u ma ghandha bzonn tal-ebda interpretazzjoni ulterjuri. Huwa fatt inkontestat illi l-hajt li mieghu hija mibnija c-cumnija mertu tal-kawza huwa hajt li jinstab bejn il-fond proprjeta tal-imputat u l-fond proprjeta tal-parti leza. Kwindi meta l-imputat bena c-cumnija huwa ghamel dana bi ksur ta’ dina d-disposizzjoni espressa tal-ligi u dana immaterjalment minn kull permess illi huwa jista’ jikseb mill-awtoritajiet kompetenti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 128(a) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta’ €50. Inoltre wara li rat l-artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tordna lill-imputat sabiex inehhi c-cumnija mill-hajt in kwistjoni u dana fi zmien xahar mil-lum u fin-nuqqas huwa jehel ammenda ta’ €4.66 ghal kull jum li fih

dina l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien moghti.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €403.37 spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------